

**Ivan Sammut**
Kap tad-Dipartiment tad-Dritt
Ewropew u Komparattiv, Fakultà
tal-Liġi, Università ta' Malta

## Id-dritt Ewropew fis-sistema legali Maltija wara għoxrin sena ta' sħubija

### 1. Daħla - It-tifsira legali tas-sħubija fl-UE

L-UNJONI EWROPEA (UE) HIJA UNIKA FL-ISTORJA TAL-BNIEDEM. Fuq l-ewwel livell, hija għaqda jew klabb bejn Stati Membri sovrani u suġġetti għad-dritt internazzjonali u, fuq it-tieni livell, hija għaqda jew klabb bejn iċ-ċittadini nnifishom ta' dawn l-Istati Membri. Il-klabb kien jissejjaħ komunità, illum unjoni. Il-funzjoni prinċipali tal-klabb hija s-suq intern (fejn ikun hemm moviment ħieles ta' oġġetti, persuni, servizzi u kapital bejn il-Membri għal skopijiet ekonomiċi) u maż-żmien, partikolarment wara t-Trattat ta' Maastricht, il-klabb evolva għal skopijiet politiċi oħra, fosthom, l-immigrazzjoni u l-ażil u d-drittijiet fundamentali. Bħala klabb ekonomiku u politiku magħmul minn pajjiżi żgħar u ta' daqs medju, l-UE tikkompeti fuq livell globali ma' pajjiżi akbar, bħall-Istati Uniti, iċ-Ċina u oħrajn. Biex is-suq intern jaħdem tajjeb, hemm bżonn – u dan huwa sens komun – li l-Istati Membri jżommu regoli komuni bejniethom u mhux kulħadd imur għal riħu. Dan ifisser li meta Stat Membru jagħżel minn jeddu biex jissieħeb fil-klabb u jgawdi mill-vantaġġi ta' blokk ekonomiku u politiku, ikun qed jagħżel u jintrabat minn jeddu biex jimxi mar-regoli tal-klabb. Inkella l-klabb ma jaħdimx. B'differenza minn meta l-Ingliterra ngħaqdet mal-Iskozja biex ġie ffurmat ir-Renju Unit jew meta l-Istat ta' Vermont ingħaqad mal-Istat Uniti, li t-tnejn saru parti minn stat sovran ieħor, l-Istati Membri tal-UE jibqgħu stati sovrani, suġġetti għad-dritt internazzjonali. Dawn jistgħu

jitilqu mill-klabb meta jridu (bħalma ġara bil-Brexit). Però, sakemm idumu fil-klabb, l-Istati Membri tal-UE huma obbligati jagħtu prijorità lir-regoli tal-klabb.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża *van Gend & Loos* (Kawża 26/62) qalet li:

> "L-għan tat-Trattat KEE, li huwa li jistabbilixxi suq komuni li l-operat tiegħu jikkonċerna direttament liċ-ċittadini tal-Komunità, jimplika li dan it-Trattat huwa iktar minn ftehim li sempliċiment joħloq obbligi reċiproċi bejn l-Istati kontraenti.
>
> [...]
>
> Minn dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi konkluż li l-Komunità tikkostitwixxxi ordinament ġuridiku ġdid tad-dritt nazzjonali, li għal benefiċċju tiegħu l-Istati llimitaw id-drittijiet sovrani tagħhom, anki jekk f'oqsma limitati, u li s-suġġetti ta' dan l-ordinament jinkludu mhux biss l-Istati Membri iżda wkoll iċ-ċittadini tagħhom."

Għoxrin sena ilu, fl-2004, Malta ngħaqdet f'dan il-klabb, bħalma kien għamel ir-Renju Unit fl-1973, u d-dritt Malti ntrabat mad-dritt Ewropew permezz tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kapitolu 460 tal-Liġijiet ta' Malta), maħsub biex jipprovdi għar-ratifika tat-Trattat u għall-applikazzjoni tiegħu f'Malta. Fis-subartikolu 3(1) tiegħu, dan l-att jistabbilixxi li "mill-1 ta' Mejju 2004 it-Trattat u atti eżistenti u futuri addottati mill-UE għandhom jorbtu lil Malta u għandhom ikunu parti mil-liġi domestika taħt il-kundizzjonijiet stabiliti mit-Trattat". L-Artikolu 5 tal-istess att jipprovdi li kull kwistjoni quddiem xi qorti dwar it-tifsir jew l-effetti tat-Trattat, jew dwar il-validità, tifsir jew effetti ta' xi strumenti li joħorġu minnu jew taħtu, għandha tiġi ttrattata bħala punt ta' dritt u rrinvijata lill-Qorti tal-Ġustizzja. L-Att dwar l-Unjoni Ewropea jikkompleta wkoll l-Artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jipprovdi li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, il-Parlament jista' jagħmel liġijiet għall-paċi, għall-ordni u għall-governanza tajba ta' Malta b'rispett sħiħ tad-drittijiet tal-bniedem, tal-prinċipji ġeneralment aċċettati tad-dritt internazzjonali u tal-obbligi internazzjonali u reġjonali ta' Malta, partikolarment dawk assunti taħt it-Trattat tal-Adeżjoni mal-Unjoni Ewropea, iffirmat f'Ateni fis-16 ta' April 2003.

## 2. Preċedenza vs Supremazija

Kif ġie spjegat iktar 'il fuq, meta Malta ssieħbet fl-Unjoni Ewropea hija ssieħbet fi klabb, formalment imsejjaħ Unjoni u li qabel kien jissejjaħ Komunità. Iżda, għall-finijiet tad-dritt internazzjonali, Malta baqgħet stat sovran. Meta r-Renju Unit, fl-1973, issieħeb fl-Unjoni Ewropea, dak iż-żmien magħrufa bħala l-Komunità Ekonomika Ewropea, il-Parlament, skont in-normi kostituzzjonali ta' Westminster, baqa' sovran, u allura s-supremazija tal-Parlament baqgħet bla mittiefsa. Bl-istess mod, mas-sħubija ta' Malta

fl-UE, is-supremazija tal-Kostituzzjoni Maltija wkoll baqgħet bla mittiefsa. Is-sħubija tal-pajjiż fl-UE ma ddaħlitx – ġustament – taħt il-klawżola taż-żewġ terzi, jiġifieri ma ġietx minquxa fil-Kostituzzjoni. Malta baqgħet dejjem sovrana u teknikament, kif kien hemm Brexit, jista' jkun hemm ukoll Mexit jekk il-poplu Malti jkun jixtieq jagħmel l-istess. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kawża Costa vs Enel (Kawża 6/64), fir-rigward tar-relazzjoni tad-dritt Ewropew mad-dritt nazzjonali, osservat dan li ġej:

> "B'kuntrast ma' trattati internazzjonali normali, it-Trattat KEE ħoloq ordinament ġuridiku tiegħu, integrat mas-sistema ġuridika ta' l-Istati Membri mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat u li l-qrati tagħhom huma marbuta li japplikaw.
>
> [...]
>
> Din l-integrazzjoni, fil-liġijiet ta' kull Stat Membru, ta' dispożizzjonijiet imnissla minn sors Komunitarju, u iktar ġeneralment il-kliem u l-ispirtu tat-Trattat, jagħmluha impossibbli għall-Istati, bħala konsegwenza, li jagħtu preċedenza lil miżura unilaterali u sussegwenti fuq ordinament ġuridiku aċċettat minnhom fuq bażi ta' reċiproċità. Miżura bħal din ma tistax għalhekk tiġi infurzata kontra dan l-ordinament ġuridiku.
>
> [...]
>
> It-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi li joħorġu mit-Trattat imwettaq mill-Istati, mill-ordinament ġuridiku nazzjonali tagħhom favur l-ordinament ġuridiku Komunitarju, iġib għaldaqstant miegħu limitazzjoni permanenti tad-drittijiet sovrani tagħhom, li kontra tagħha att unilaterali sussegwenti li jkun inkompatibbli mal-kunċett ta' Komunità ma jistax jipprevali."

Hawn wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li dak li qalet il-Qorti tal-Ġustizzja hawn fuq jikkontradixxi s-sovranità tal-Istat Membru u allura wkoll is-supremazija ta' Westminster jew tal-Kostituzzjoni Maltija. Iżda dan assolutament ma huwiex il-każ. Hawnhekk, wieħed tajjeb jagħmel distinzjoni bejn il-preċedenza u s-supremazija tad-dritt Ewropew fuq id-dritt nazzjonali. Kif ġie spjegat iktar 'il fuq, meta stat jissieħeb fl-Unjoni Ewropea jibqa' kompletament sovran. Is-sħubija fil-klabb/komunità/unjoni hija att ta' sovranità. Tant hu hekk li stat jista' joħroġ mill-Unjoni meta jrid, bħalma ġara bil-Brexit. Madankollu, huwa sens komun – neċessità, anzi – li biex klabb/komunità/unjoni jaħdem tajjeb, kull membru jrid jiġbed ħabel wieħed. Huwa għalhekk li l-Qorti tal-Ġustizzja qalet li "att unilaterali sussegwenti li jkun inkompatibbli mal-kunċett ta' Komunità ma jistax jipprevali". Dan ifisser li sakemm Stat Membru jagħżel li jibqa' fl-Unjoni, huwa jkun qed jagħżel (b'sovranità) li d-dritt Ewropew jipprevali fuq id-dritt nazzjonali għax irid jibqa' fil-klabb. Jekk ma jridx jibqa' fil-klabb, bħalma ma riedx ir-Renju Unit, id-dritt nazzjonali jerġa' jipprevali fuq dak Ewropew. Jiġifieri waqt is-sħubija, l-Istat Membru jibqa' sovran però, sakemm idum membru, id-dritt Ewropew jipprevali fuq id-dritt

nazzjonali. Dan ifisser li wara l-1 ta' Mejju 2004, Malta baqgħet sovrana u l-Kostituzzjoni baqgħet suprema. Però fl-istess ħin, is-supremazija tal-Kostituzzjoni qiegħda tintuża biex tħalli d-dritt Ewropew jipprevali fuq id-dritt nazzjonali u teknikament tħalli anki d-dritt Ewropew jipprevali fuq l-istess Kostituzzjoni waqt is-sħubija. Allura sakemm iddum is-sħubija, id-dritt Ewropew għandu preċedenza fuq kollox, iżda Malta tista', f'kull ħin u mingħajr kundizzjoni, tagħżel li toħroġ u s-supremazija tal-Kostituzzjoni terġa' tapplika bis-sħiħ. Għalhekk waqt is-sħubija, kif spjegat tajjeb il-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi ċċitati iktar 'il fuq, huwa loġiku li l-preċedenza tkun tad-dritt Ewropew, filwaqt li s-supremazija tkun tal-Kostituzzjoni, li tkun rieqda tul is-sħubija, terġa' tqum bil-qawwa kollha tagħha malli din tiġi fi tmiemha.

Illi dan li ntqal diġà għadda minnu r-Renju Unit fl-1973, li kien sabha iktar bi tqila biex jirrikonċilja l-preċedenza tad-dritt Ewropew mas-supremazija ta' Westminster, ħaġa li f'Malta hija ftit iktar sempliċi, billi għandna Kostituzzjoni miktuba. Billi l-Artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll ir-riferiment għall-Att dwar l-Unjoni Ewropea, ma humiex minquxa fl-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni (supremazija u żewġ terzi), wieħed jista' japplika l-mudell tar-Renju Unit għal dak Malti. Fil-kawża *Shields vs E Coomes (Holdings)* Ltd ([1979] 1 ALL ER 456, 461), Lord Denning iddeċieda li sakemm Westminster irid li r-Renju Unit jibqa' fil-Komunità, jekk sussegwentement jgħaddi liġi li tmur kontra l-obbligi taħt id-dritt Ewropew, din il-liġi għandha titqies mill-qrati nazzjonali bħala żball. F'kawża oħra, *Macarthys Ltd vs Smith* [1979] (23 All ER 325, 329), huwa qal:

> "Fl-interpretazzjoni tal-liġijiet tagħna, aħna nistgħu nħarsu lejn it-Trattat KE bħala għajnuna għall-interpretazzjoni tagħhom; mhux biss bħala għajnuna, iżda bħala awtorità li tieħu preċedenza. Jekk ma' qari attent ikun jidher li l-liġi tagħna tkun nieqsa jew inkonsistenti mad-dritt Komunitarju minħabba xi żvista tal-leġiżlatur tagħna, allura jkun id-dmir vinkolanti tagħna li nagħtu preċedenza lid-dritt Komunitarju.
>
> [...]
>
> Sa issa assumejt li l-Parlament tagħna, kull darba li japprova liġi, ifittex li jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-Trattat. Jekk kellu jiġi żmien li fih il-Parlament xjentement japprova liġi bl-intenzjoni li jiċħad lit-Trattat jew lil xi dispożizzjoni li tinsab fih jew bl-intenzjoni li jmur kontrih u jgħid dan espressament, allura għandi naħseb li jkun id-dmir tal-qrati tagħna li josservaw il-liġijiet tal-Parlament tagħna." [Traduzzjoni libera]

L-istess argument jista' jitressaq għar-relazzjoni bejn l-liġi Maltija u dik Ewropea. Permezz tas-sovranità fil-Kostituzzjoni, Malta għażlet minn jeddha li tissieħeb fl-Unjoni. Sakemm iddum fil-klabb, il-loġika, is-sens komun u l-obbligi tat-Trattat ta' Sħubija, kif

ukoll il-Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta u l-istess Kostituzzjoni Maltija, jgħidulna li d-dritt Ewropew jieħu preċedenza fuq id-dritt Malti, inkluża l-Kostituzzjoni nnifisha. Dan tal-aħħar huwa iktar argument akkademiku milli prattiku. Li kieku jkun hemm kunflitt bejn id-dritt Ewropew u d-dritt kostituzzjonali, il-qrati nazzjonali jridu jqisu dak il-kunflitt bħala żball tekniku, daqslikieku jkun hemm kontradizzjoni fil-Kostituzzjoni nnifisha. Kif qal Lord Denning fir-rigward tal-preċedenza tad-dritt Ewropew fuq is-supremazija ta' Westminster, sakemm ir-Renju Unit jibqa' membru tal-UE għandu jipprevali dejjem id-dritt Ewropew. Bl-istess mod, jekk ikun hemm kunflitt bejn id-dritt nazzjonali, jew saħansitra l-Kostituzzjoni, u d-dritt Ewropew, dan għandu jitqies bħala żball tekniku, sakemm l-intenzjoni tal-Istat ma tkunx Mexit.

B'mod ġenerali, wieħed jista' jgħid li f'dawn l-aħħar għoxrin sena ta' sħubija ta' Malta fl-UE, kienu ftit il-problemi legali minn dan il-lat. Din hija ħaġa pożittiva, minkejja xi deċiżjonijiet tal-qrati li wieħed jista' jikkonkludi li huma żbaljati għax ma jirrikonoxxux li l-preċedenza tad-dritt Ewropew ma tmurx kontra s-supremazija tal-Kostituzzjoni, anzi hija riżultat tal-istess supremazija. Pereżempju, fid-digriet tas-26 ta' Lulju 2023 tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kawża Flesenberg e*t vs TSG Interactive Gaming Europe Ltd* (1070/2023), dik il-qorti ddeċidiet b'dan il-mod:

*"[...] fil-kuxjenza tħoss, li l-ewwel lealtà tagħha hija lejn il-Kostituzzjoni fuq kull liġi oħra inkonsistenti magħa, kemm jekk hi lokali u ankè jekk internazzjonali. Il-Qorti hija fermament konvinta, li ġa la darba f'dan il-kamp tal-liġi tneħħiet il-ġurisdizzjoni tal-Qorti konformament mal-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, hija din tal-aħħar li tipprevali fuq kull liġi oħra kemm lokali u ankè soprnazzjonali u dan bis-saħħa ta' Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni."*

Dan id-digriet huwa żbaljat għal tliet raġunijiet prinċipali. L-ewwel nett, id-dritt Ewropew ma huwiex dritt internazzjonali fis-sens klassiku imma huwa ġeneru ta' dritt domestiku li huwa kondiviż bejn l-Istati Membri. It-tieni nett, din ma hijiex kwistjoni ta' lealtà; dan huwa l-kamp legali u mhux politiku. Il-Kostituzzjoni stess tippermetti li ssir sħubija u tagħti, bħala konsegwenza ta' dik l-isħubija, preċedenza lil-liġijiet tal-klabb, għax inkella l-klabb ma jkunx jista' jaħdem. It-tielet nett, wieħed jista' jinnota kif il-kunċett ta' preċedenza, diskuss f'din it-taqsima ta' dan il-kapitolu, qiegħed jiġi interpretat ħażin mid-digriet inkwistjoni. Hija grazzi għas-supremazija tal-Kostituzzjoni li Malta setgħet issir Membru tal-UE u li, għaldaqstant, tingħata preċedenza lid-dritt Ewropew matul is-sħubija. L-Artikolu 6 jibqa' suprem biex meta Malta trid, 'Mexit' tista' tkun realtà legali wkoll. Il-preċedenza tad-dritt Ewropew u s-supremazija tal-Kostituzzjoni ma humiex kontradittorji iżda jaħdmu flimkien sabiex Malta tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha li tgawdi mill-vantaġġi li toffri s-sħubija fil-klabb/komunità/unjoni. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ma għandha l-ebda jedd, poter jew ġurisdizzjoni li tikkawża sintomi ta' Mexit. Il-fatt li dan huwa każ iżolat ifisser li Malta għandha tiċċelebra l-mod tajjeb ta' kif, legalment, l-assimilazzjoni tad-dritt Ewropew fid-dritt nazzjonali twettqet tajjeb ħafna.

## 3. Il-Qorti tal-Ġustizzja bħala sieħba tal-qrati nazzjonali

Minbarra l-istituzzjonijiet purament domestiċi, bħall-qrati nazzjonali, meta Stat Membru jissieħeb fl-UE jaqsam mal-Istati Membri l-oħra l-istituzzjonijiet Ewropej, li jsiru sa ċertu punt domestiċi wkoll. Dan ifisser li għall-kuntrarju tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasbourg, li tagħmel parti mill-Kunsill tal-Ewropa (u mhux mill-UE), li hija qorti internazzjonali/estera b'obbligi ta' superviżjoni fuq il-Membri tal-Kunsill tal-Ewropa għal dak li għandu x'jaqsam mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-Lussemburgu, la hija qorti estera u lanqas qorti internazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja hija qorti nazzjonali kondiviża mal-Istati Membri l-oħra, bħalma d-dritt Ewropew huwa wkoll forma ta' dritt nazzjonali kondiviż mal-Istati Membri l-oħra. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja hija sieħba mal-qrati nazzjonali u ma hijiex superjuri għalihom. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex qiegħda hemm biex tissorvelja, bħalma tagħmel dik ta' Strasbourg. Il-fatt li hija l-qorti li għandha l-aħħar kelma għal dik li hija interpretazzjoni tad-dritt Ewropew ma jfissirx li hija qorti superjuri. Imma dan huwa meħtieġ biex tiġi żgurata uniformità fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE, biex tiġi rrispettata s-sovranità tal-Istati Membri l-oħra u biex jingħata *locus standi* lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet leġiżlattivi, jiġifieri l-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea biex jintervjenu fil-kawża fejn meħtieġ. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE huwa l-mod ta' kif dan jista' jintlaħaq. B'hekk, interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja torbot *erga omnes* fuq il-membri tal-UE kollha b'mod uniformi u l-qrati purament nazzjonali jkunu jistgħu japplikaw id-dritt tal-UE b'mod uniformi meta jiġu biex jaqtgħu l-kawżi li jitressqu quddiemhom. Id-dritt Ewropew huwa l-istess f'kull Stat Membru u għandu jiġi interpretat u applikat bl-istess mod. L-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE għalhekk għandha tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja biss u mhux mill-qrati nazzjonali. Qrati nazzjonali ta' Stati Membri oħra ma jorbtux lill-qrati Maltin, u viċiversa. Imma l-Qorti tal-Ġustizzja, bħala l-qorti tal-UE, torbot lill-Istati Membri kollha.

Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE huwa l-mod ta' kif il-Qorti tal-Ġustizzja tikkoopera mal-qrati nazzjonali, u kif qalet il-Qorti tal-Ġustizzja f'*Costa vs Enel* (Kawża 6/64):

"[...] l-Artikolu 177 [illum l-Artikolu 267 TFUE] għandu jiġi applikat, minkejja kull liġi nazzjonali, fil-każ li titqajjem kwistjoni ta' interpretazzjoni tat-Trattat."

Dan ifisser li l-qrati nazzjonali għandhom kemm jista' jkun jikkooperaw mal-Qorti tal-Ġustizzja. Sfortunatament, minn Malta kien hemm ftit wisq rinviji mill-qrati nazzjonali. Fl-ewwel għaxar snin ġew deċiżi tnejn, il-Kawża C-221/09, AJD Tuna, u l-Kawża C-71/12, *Vodafone et*, u fit-tieni għaxar snin, sal-mument ta' kitba, ġew deċiżi tlieta oħra, il-Kawża C-125/16, *Malta Dental Technologists*, il-Kawża C-896/19, *Repubblika*, u l-Kawża C-25/23,

*Princess Holdings*. Huwa diffiċli li wieħed ikun jaf ir-raġuni għaliex minn Malta ftit li xejn saru rinviji. Minħabba li ma teżisti ebda statistika dwar kemm-il darba kien hemm il-possibbiltà li jsir rinviju mill-qrati Maltin, wieħed jista' biss jislet konklużjonijiet mill-esperjenzi personali fil-qrati Maltin. F'dan ir-rigward, wieħed jinnota li ħafna drabi, kemm fil-qrati nazzjonali Maltin, kif ukoll fl-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, li jkun ħafna drabi involut fil-kawża, jew ikun hemm nuqqas ta' għarfien tad-dritt Ewropew jew inkella, iktar probabbli, id-duttrina tal-acte claire qiegħda tiġi interpretata b'mod ħazin biex jiġi evitat li jsiru rinviji. Huwa fatt, li xi kultant, avukati jew membri tal-ġudikatura jippruvaw jiskartaw id-dritt tal-UE u jistrieħu fuq dak purament nazzjonali. Għad fadal xi jsir biex il-mentalità li l-Qorti tal-Ġustizzja hija xi qorti barranija tingħeleb darba għal dejjem. Id-dritt Ewropew huwa ġeneru ta' dritt nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja ma hija xejn ħlief qorti integrata fis-sistema ġuridika Maltija.

## 4. L-edukazzjoni tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Malta

F'dan il-kuntest, tajjeb wieħed jagħti ħarsa lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ tad-dritt Ewropew fl-Università ta' Malta u f'Malta b'mod ġenerali. Id-Dipartiment tad-Dritt Ewropew u Komparattiv twaqqaf mill-Fakultà tal-Liġi fl-1993 mill-Professur Peter G. Xuereb, illum Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, u ftit wara ssieħeb ukoll il-Professur Eugène Buttigieg, illum Imħallef fil-Qorti Ġenerali. Dan il-programm ilu jiġi mgħallem bla interruzzjoni għal aktar minn tletin sena. Sa minn dak iż-żmien beda jiġi mgħallem programm fid-dritt Ewropew u komparattiv fil-livell Masters u, mill-2015, beda jiġi mgħallem ukoll programm fid-dritt kummerċjali Ewropew. Fl-1995, id-dritt Ewropew daħal fil-kurikulu bażiku tal-kors tal-liġi. Illum il-ġurnata, id-dritt Ewropew huwa mgħallem f'kull sena tal-kors tal-Bachelor of Laws (LL.B.(Hons)), b'korsijiet dwar id-dritt Ewropew istituzzjonali u amministrattiv, kif ukoll dwar id-dritt sostantiv bażiku, bħal dak dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni, li huma obbligatorji. Fil-ħames sena tal-kors tal-liġi, fil-livell Masters, l-istudenti li jkunu waslu biex isiru avukati jitħarrġu b'kors avvanzat fil-proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Maż-żmien kien hemm ukoll numru ta' studenti fil-livell ta' Dottorat (Ph.D.) li gradwaw jew qegħdin jistudjaw id-dritt Ewropew f'dan il-livell. Dan ifisser li, għal kważi tletin sena, l-avukati li gradwaw mill-Università ta' Malta kollha kellhom xi forma ta' taħriġ obbligatorju fid-dritt Ewropew, u numru sabiħ minnhom komplew jistudjaw fil-livell Masters jew ta' Dottorat.

Il-kitba akkademika ma naqsitx u, għalkemm ftit limitata, ġew ippubblikati diversi artikoli f'ġurnali akkademiċi jew kapitoli f'kotba, ippubblikati kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment, li jittrattaw id-dritt Ewropew f'Malta. Ta' min isemmi, bħala eżempju, il-ktieb *The Implementation and Enforcement of European Union Law in Small Member States - A case-study of Malta*, ippubblikat minn Palgrave Macmillan fl-2021,

li jittratta s-sitwazzjoni tad-dritt Ewropew f'Malta b'sensiela ta' kontribuzzjonijiet minn diversi awturi.

Wieħed mill-ikbar effetti li d-dritt Ewropew kellu fuq id-dritt nazzjonali huwa f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-lingwa Maltija fid-dritt Malti. Bis-saħħa tax-xogħol impekkabbli tad-Diviżjoni tal-Ilsien Malti fil-Qorti tal-Ġustizzja, mhux biss għax għandha l-parti kbira tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja b'Malti ta' kwalità għolja, imma issa, ftit ftit, dan beda jinfluwenza b'mod pożittiv it-tħaddim tal-Malti fil-qrati nazzjonali fejn għadu meħtieġ investiment ikbar fejn jidħol l-użu tal-lingwa Maltija, l-uniformità u l-konsistenza lingwistika.

## 5. Konklużjoni – Inħarsu 'l quddiem

Għaddew għoxrin sena minn meta Malta saret Stat Membru tal-UE, għoxrin sena fejn minkejja li l-ordinament ġuridiku Malti huwa tal-iżgħar Stat Membru fl-UE, irnexxielu b'mod ġenerali jaħdem tajjeb u r-relazzjoni tiegħu mal-ordinament ġuridiku tal-UE ħadmet u għadha taħdem tajjeb. Qatt ma kien hemm kunflitt serju la bejn is-supremazija tal-Kostituzzjoni Maltija u l-preċedenza tad-dritt Ewropew u lanqas bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati purament nazzjonali. B'iktar taħriġ, iktar konoxxenza u bdil fil-mentalità, iż-żwieġ tad-dritt Ewropew, bħala dritt nazzjonali kondiviż ma' Stati Membri oħra, mad-dritt purament nazzjonali fis-sistema ġuridika Maltija għandu futur sabiħ.